MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## GRAZIELLA BEZZINA

Seduta tas-7 ta' Marzu, 2014

Talba Numru. 5/2014

**Alfsons Enterprises Limited**
**C-20428**

**vs**

**LAPIRA Gorg**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-attur talab lill-konvenut il-hlas tas-somma ta' tlett elef, tliet mija, sitta u sittin ewro u sittin centezmu (€3,366.60c), ammont bilancjali dovut mill-konvenut lis-socjeta' attrici ghal merkanzija lilu mibjugha u kkonsenjata.

Bl-ispejjez tal-prezenti, tal-ittra interpellatorja tat-8 ta' Novembru, 2013 u bl-imghax legali mill-14 ta' Ottubru, 2010 data ta' l-ahhar invoice sal-effettiv pagament, kontra l-konvenut ingunt in subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra n-nota li giet ipprezentata mis-socjeta' attrici fis-seduta tat-28 ta' Frar, 2014, li permezz taghha t-talba tas-socjeta' attrici giet ridotta ghall-ammont ta' tliet elef sitta u sittin ewro u sittin centezmu (€ 3,066.60c).

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mill-attur  u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondi ghalih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' tliet elef sitta u sittin ewro u sittin centezmu (€3,066.60c), bl-imghax kif mitluba.

L-ispejjez jkunu a karigu tal-konvenut.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------